# Bix-Xogħol ninvestu f'soċjeta' b'saħħitha

*Għalik*

Ministeru tal-Finanzi,
l-Ekonomija u Investiment

# Il-kuntest internazzjonali

- Il-kriżi finanzjarja u ekonomika wasslet għal tnaqqis fil-kummerċ u żieda fil-qgħad madwar id-dinja kollha. Illum hemm 23 miljun, jew 10%, tal-Ewropej mingħajr xogħol.

- Din is-sena l-ekonomiji ewlenin urew xi sinjali inkoraġġanti, għalkemm l-element ta’ nċertezza għadu qawwi hafna u kif qed jonqos l-effett ta’ l-istimolu fiskali, d-dubbji dwar is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku għadhom hemm.

- Bosta Stati Membri tal-UE kellhom jieħdu miżuri ta’ awsterità biex inaqqsu l-livelli għoljin ta’ defiċit u dejn li għandhom.

- L-inflazzjoni fiż-Żona Ewro żdiedet b’pass moderat matul l-ewwel nofs tal-2010. Dan jirrifletti żidiet fil-prezzijiet globali ta’ bosta materjali, inkluż iż-żejt mhux raffinat li, fl-ewwel disa’ xhur ta’ din is-sena laħaq il-livell medju ta’ madwar $77 l-barmil, $20 iżjed mill-2009.

# Il-kuntest lokali

- It-tkabbir fl-ekonomiji ewlenin għen sabiex l-ekonomija Maltija wkoll tikber b'rata pjuttost mgħaġġla fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena. Fil-fatt, waqt li matul l-2009 l-ekonomija Maltija ċkienet b'madwar 2.1% f'termini reali, matul l-ewwel nofs ta' din is-sena, il-Prodott Domestiku Gross kellu żieda medja ta' 4%.

- Dan kien rizultat ta' żidiet qawwija fl-esportazzjoni, u titjib fil-konsum privat u pubbliku, u fl-investiment.

- Qed naraw ukoll sinjali ta' nkoraġġiment fil-qasam tax-xogħol. Fit-12-il xahar sa Ġunju ta' din is-sena, in-nies jaħdmu bi qliegħ żdiedu b'227, biex issa laħqu l-145,690. Dawn iż-żidiet ġew l-aktar minn servizzi privati.

- In-numru ta' nies jaħdmu part-time żdied b'1,683, biex laħaq total ta' 29,251. Meta mqabbel ma' l-istess xahar tas-sena l-oħra, in-numru ta' nies jirreġistraw għax-xogħol f'Settembru naqas bi 866.

# Il-kuntest lokali

- Matul din is-sena, il-Prodott Domestiku Gross mistenni li jiżdied b'rata ta' 3.4%, filwaqt li r-rata ta' l-inflazzjoni mistennija li tilħaq 1.4%.

- Mistenni wkoll li, l-ekonomiji ta' l-imsieħba kummerċjali ewlenin ta' pajjiżna, jikbru b'rata aktar moderata. Għalhekk, fl-2011, it-tkabbir ekonomiku f'Malta mistenni jkun ta' 3%.

Bix-Xogħol ninvestu f'soċjetà b'saħħitha Għalik
Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

# Kummerċ internazzjonali




ċifri kollha f'€'000,000 – sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Impjiegi

## Persuni jaħdmu bi qliegħ




sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Impjiegi

## Persuni jaħdmu bi qliegħ

| Settur | 2008 (Jan-Diċ) | 2009 (Jan-Diċ) | 2010 (Jan-Apr) |
|---|---|---|---|
| Kostruzzjoni | 12,219 | 12,578 | 12,190 |
| Lukandi u Ristoranti | 10,312 | 9,714 | 9,358 |
| Trasport u Komunikazzjoni | 11,088 | 11,193 | 11,240 |
| Intermedjarji Finanzjarji | 5,629 | 5,689 | 5,745 |
| Manifattura | 22,847 | 21,038 | 20,514 |
| Bejgħ bil-Grossa u bl-Imnut | 21,891 | 22,107 | 22,152 |
| Oħrajn | 61,467 | 61,508 | 63,376 |
| **Total** | **145,040** | **143,827** | **144,575** |

sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Ġenerazzjoni ta' impjiegi

## Setturi tal-privat u pubbliku




sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Flus fl-idejn u depożiti




ċifri kollha f'€'000,000 – sors: Bank Ċentrali ta' Malta

# Investimenti

| Settur | 2008 | | 2009 | | 2010 (Set) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammont | €'000 | Ammont | €'000 | Ammont | €'000 |
| Bonds | 3 | 62,000 | 12 | 295,483 | 14 | 286,000 |
| Stocks tal-Gvern | 8 | 294,238 | 11 | 469,882 | 10 | 479,603 |
| Ishma | 3 | 57,000 | 1 | 35,269 | - | - |
| **Total** | **14** | **413,238** | **24** | **800,634** | **24** | **765,603** |

sors: Borża ta' Malta

# Indiċi fil-Borża ta' Malta




sors: Borża ta' Malta

# Inflazzjoni

## Indiċi tal-prezzijiet (RPI)




sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Dħul mit-taxxi

## Imqabbel mal-pajjiżi l-oħra tal-UE

| Stat Membru | | Rata | Stat Membru | | Rata |
|---|---|---|---|---|---|
| Stati Membri (EU27) | ▲ | 39.3 | Irlanda | | 29.3 |
| Żona Ewro (EA16) | ▲ | 39.7 | Italja | ▲ | 42.8 |
| | | | Latvja | | 28.9 |
| Awstrija | ▲ | 42.8 | Litwanja | | 30.3 |
| Belġju | ▲ | 44.3 | Lussemburgu | ▲ | 35.6 |
| Bulgarija | | 33.3 | Malta | ↔ | 34.5 |
| Ċipru | ▲ | 39.2 | Olanda | ▲ | 39.1 |
| Repubblika Ċeka | ▲ | 36.1 | Polonja | | 34.3 |
| Danimarka | ▲ | 48.2 | Portugall | ▲ | 36.7 |
| Estonja | | 32.2 | Rumanija | | 28.0 |
| Finlandja | ▲ | 43.1 | Slovenja | | 29.1 |
| Franza | ▲ | 42.1 | Slovakkja | ▲ | 37.3 |
| Ġermanja | ▲ | 39.3 | Spanja | | 33.1 |
| Greċja | | 32.6 | Svezja | ▲ | 47.1 |
| Ungerija | ▲ | 40.4 | Renju Unit | ▲ | 37.3 |

ċifri għall-2008 - sors: Kummissjoni Ewropea għall-Ekonomija u Affarijiet Finanzjarji

Bix-Xogħol ninvestu f'soċjeta' b'saħħitha

Għalik

Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

# Dħul mit-taxxi

## Imqabbel mal-pajjiżi l-oħra tal-UE




ċifri għall-2008 - sors: Kummissjoni Ewropea għall-Ekonomija u Affarijiet Finanzjarji

# Rati ta' taxxi fuq l-impjiegi

## Imqabbel mal-pajjiżi l-oħra tal-UE




ċifri għall-2008 - sors: Kummissjoni Ewropea għall-Ekonomija u Affarijiet Finanzjarji

Bix-Xogħol ninvestu f'soċjeta' b'saħħitha Għalik

Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

# L-ekonomija dinjija

## PDG reali

| Stat Membru | 2009 Attwali | 2010 Previst | 2011 Previst |
|---|---|---|---|
| Stati Membri (EU27) | (4.2) | 1.0 | 1.7 |
| Żona Ewro (EA16) | (4.1) | 0.9 | 1.5 |
| Awstrija | (3.6) | 1.3 | 1.6 |
| Belġju | (3.1) | 1.3 | 1.6 |
| Bulgarija | (5.0) | 0 | 2.7 |
| Ċipru | (1.7) | (0.4) | 1.3 |
| Repubblika Ċeka | (4.2) | 1.6 | 2.4 |
| Danimarka | (4.9) | 1.6 | 1.8 |
| Estonja | (14.1) | 0.9 | 3.8 |
| Finlandja | (7.8) | 1.4 | 2.1 |
| Franza | (2.2) | 1.3 | 1.5 |
| Ġermanja | (5.0) | 1.2 | 1.6 |
| Greċja | (2.0) | (3.0) | (0.5) |
| Ungerija | (6.3) | 0 | 2.8 |

| Stat Membru | 2009 Attwali | 2010 Previst | 2011 Previst |
|---|---|---|---|
| Irlanda | (7.1) | (0.9) | 3.0 |
| Italja | (5.0) | 0.8 | 1.4 |
| Latvja | (18.0) | (3.5) | 3.3 |
| Litwanja | (15.0) | (0.6) | 3.2 |
| Lussemburgu | (3.4) | 2.0 | 2.4 |
| Malta | (1.9) | 3.4 | 3.0 |
| Olanda | (4.0) | 1.3 | 1.8 |
| Polonja | 1.7 | 2.7 | 3.3 |
| Portugall | (3.6) | (0.4) | 0.8 |
| Rumanija | (2.7) | 0.5 | 0.7 |
| Slovenja | (7.1) | 0.8 | 3.5 |
| Slovakkja | (7.8) | 1.1 | 1.8 |
| Spanja | (4.7) | 2.7 | 3.6 |
| Svezja | (4.9) | 1.8 | 2.5 |
| Renju Unit | (4.9) | 1.2 | 2.1 |

sors: Kummissjoni Ewropea għall-Ekonomija u Affarijiet Finanzjarji

# Dejn pubbliku

## Bħala % tal-PDG

| Stat Membru | | 2009 Attwali | 2010 Previst | 2011 Previst |
|---|---|---|---|---|
| Stati Membri (EU27) | ▲ | 73.6 | 79.6 | 83.8 |
| Żona Ewro (EA16) | ▲ | 78.7 | 84.7 | 88.5 |
| | | | | |
| Awstrija | | 66.5 | 70.2 | 72.9 |
| Belġju | ▲ | 96.7 | 99.0 | 100.9 |
| Bulgarija | | 14.8 | 17.4 | 18.8 |
| Ċipru | | 56.2 | 62.3 | 67.6 |
| Repubblika Ċeka | | 35.4 | 39.8 | 43.5 |
| Danimarka | | 41.6 | 46.0 | 49.5 |
| Estonja | | 7.2 | 9.6 | 12.4 |
| Finlandja | | 44.0 | 50.5 | 54.9 |
| Franza | ▲ | 77.6 | 83.6 | 88.6 |
| Ġermanja | ▲ | 73.2 | 78.8 | 81.6 |
| Greċja | ▲ | 115.1 | 124.9 | 133.9 |
| Ungerija | ▲ | 78.3 | 78.9 | 77.8 |

| Stat Membru | | 2009 Attwali | 2010 Previst | 2011 Previst |
|---|---|---|---|---|
| Irlanda | ▲ | 64.0 | 77.3 | 87.3 |
| Italja | ▲ | 115.8 | 118.2 | 118.9 |
| Latvja | | 36.1 | 48.5 | 57.3 |
| Litwanja | | 29.3 | 38.6 | 45.4 |
| Lussemburgu | | 14.5 | 19.0 | 23.6 |
| Malta | ↔ | 69.1 | 71.5 | 72.5 |
| Olanda | | 60.9 | 66.3 | 69.6 |
| Polonja | | 51.0 | 53.9 | 59.3 |
| Portugall | | 53.2 | 64.9 | 72.5 |
| Rumanija | ▲ | 76.8 | 85.8 | 91.1 |
| Slovenja | | 23.7 | 30.5 | 35.8 |
| Slovakkja | | 35.9 | 41.6 | 45.4 |
| Spanja | | 35.7 | 40.8 | 44.0 |
| Svezja | | 42.3 | 42.6 | 42.1 |
| Renju Unit | ▲ | 68.1 | 79.1 | 86.9 |

sors: Kummissjoni Ewropea għall-Ekonomija u Affarijiet Finanzjarji

# L-ekonomija dinjija

## Rata ta' qgħad

| Stat Membru | | 2009 Attwali | 2010 Previst | 2011 Previst |
|---|---|---|---|---|
| Stati Membri (EU27) | ▲ | 8.9 | 9.8 | 9.7 |
| Żona Ewro (EA16) | ▲ | 9.4 | 10.3 | 10.4 |
| | | | | |
| Awstrija | | 4.8 | 5.1 | 5.4 |
| Belġju | ▲ | 7.9 | 8.8 | 9.0 |
| Bulgarija | ▲ | 6.8 | 7.9 | 7.3 |
| Ċipru | | 5.3 | 6.7 | 7.0 |
| Repubblika Ċeka | ▲ | 6.7 | 8.3 | 8.0 |
| Danimarka | | 6.0 | 6.9 | 6.5 |
| Estonja | ▲ | 13.8 | 15.8 | 14.6 |
| Finlandja | ▲ | 8.2 | 9.5 | 9.2 |
| Franza | ▲ | 9.5 | 10.2 | 10.1 |
| Ġermanja | ▲ | 7.5 | 7.8 | 7.8 |
| Greċja | ▲ | 9.5 | 11.8 | 13.2 |
| Ungerija | ▲ | 10.0 | 10.8 | 10.1 |

| Stat Membru | | 2009 Attwali | 2010 Previst | 2011 Previst |
|---|---|---|---|---|
| Irlanda | ▲ | 11.9 | 13.8 | 13.4 |
| Italja | ▲ | 7.8 | 8.8 | 8.8 |
| Latvja | ▲ | 17.1 | 20.6 | 18.8 |
| Litwanja | ▲ | 13.7 | 16.7 | 16.3 |
| Lussemburgu | | 5.4 | 6.1 | 6.4 |
| Malta | ↔ | 6.9 | 7.3 | 7.2 |
| Olanda | | 3.4 | 4.9 | 5.2 |
| Polonja | ▲ | 8.2 | 9.2 | 9.4 |
| Portugall | ▲ | 18.0 | 19.7 | 19.8 |
| Rumanija | ▲ | 9.6 | 9.9 | 9.9 |
| Slovenja | | 5.9 | 7.0 | 7.3 |
| Slovakkja | ▲ | 12.0 | 14.1 | 13.3 |
| Spanja | ▲ | 6.9 | 8.5 | 7.9 |
| Svezja | ▲ | 8.3 | 9.2 | 8.8 |
| Renju Unit | ▲ | 7.6 | 7.8 | 7.4 |

sors: Kummissjoni Ewropea għall-Ekonomija u Affarijiet Finanzjarji

# VAT fuq akkomodazzjoni

## Imqabbel mal-pajjiżi l-oħra tal-UE

| | |
|---|---|
| **Ċipru** | **5.0%** |
| **Franza** | **5.5%** |
| **Malta** | **7.0%** |
| **Spanja** | **8.0%** |
| **Italja** | **10.0%** |
| **Grecja** | **11.0%** |




Bix-Xogħol ninvestu f'soċjeta' b'saħħitha

Għalik

Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

# Infieq tal-Gvern għall-2011



# Objettivi

- Konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi u tnaqqis tad-defiċit taħt it-3% biex b'hekk nassiguraw stabbilità ekonomika u nħarsu l-postijiet tax-xogħol.
- Insostnu t-tkabbir ekonomiku billi nsaħħu l-kompetittività ta' pajjiżna u l-intrapriżi tagħna.
- Inkomplu ninvestu fl-infrastruttura u l-ambjent ta' pajjiżna.
- Inkomplu ninvestu fl-edukazzjoni u l-ħiliet tat-tfal, iż-żgħażagħ u l-ħaddiema tagħna.
- Minkejja l-isforzi biex insaħħu l-finanzi tal-pajjiż, se nkomplu ninvestu aktar fil-qasam soċjali biex intejbu l-qagħda ta' dawk li huma l-aktar fil-bżonn.

# Estimi finanzjarji

## Defiċit



# Estimi finanzjarji

| Fond Konsolidat | 2009 | 2010 | | 2011 |
|---|---|---|---|---|
| | Attwali | Approvat | Rivedut | Previst |
| Dħul Taxxabbli | 2,130,120 | 2,331,254 | 2,263,863 | 2,393,370 |
| Dħul Ieħor | 240,650 | 343,683 | 346,502 | 398,330 |
| **Dħul Rikurrent Totali** | **2,370,770** | **2,674,937** | **2,610,365** | **2,791,700** |
| Rikurrent | 2,204,421 | 2,288,521 | 2,326,334 | 2,338,726 |
| Interessi | 192,024 | 195,621 | 198,121 | 208,496 |
| **Nefqa Rikurrenti Totali** | **2,396,445** | **2,484,142** | **2,524,455** | **2,547,222** |
| **Bilanċ Rikurrenti** | **(25,675)** | **190,795** | **85,910** | **244,478** |
| Nefqa Kapitali Totali | 271,346 | 429,595 | 382,910 | 440,024 |
| **Nefqa Globali** | **2,667,791** | **2,913,737** | **2,907,365** | **2,987,246** |
| **Żbilanċ** | **(297,021)** | **(238,800)** | **(297,000)** | **(195,546)** |
| Aġġustamenti E.S.A.95 | 80,082 | 5,000 | 59,282 | 13,913 |
| **Żbilanċ tal-Gvern Estiż** | **(216,939)** | **(233,800)** | **(237,718)** | **(181,633)** |
| Prodott Gross Domestiku | 5,749.657 | 5,945.08 | 6,134.88 | 6,478.44 |
| **% Żbilanċ għal PGD** | **-3.77%** | **-3.93%** | **-3.87%** | **-2.80%** |

**ċifri kollha f'€ '000**

# Estimi finanzjarji

| Dħul Taxxabbli | 2009 | 2010 | | 2011 |
|---|---|---|---|---|
| | Attwali | Approvat | Rivedut | Previst |
| Taxxa fuq id-Dħul | 739,443 | 850,000 | 810,000 | 821,400 |
| Sigurta' Soċjali | 526,100 | 550,000 | 550,000 | 586,175 |
| **Taxxi Diretti** | **1,265,543** | **1,400,000** | **1,360,000** | **1,407,575** |
| Dwana u Sisa | 174,371 | 198,700 | 191,400 | 208,545 |
| Liċenzi u Taxxi Oħra | 236,179 | 254,554 | 234,463 | 239,025 |
| V.A.T. | 454,027 | 478,000 | 478,000 | 538,225 |
| **Taxxi Indiretti** | **864,577** | **931,254** | **903,863** | **985,795** |
| **Total Dħul Taxxabbli** | **2,130,120** | **2,331,254** | **2,263,863** | **2,393,370** |

**ċifri kollha f'€ '000**

# Estimi finanzjarji

| Dħul Ieħor | 2009 Attwali | 2010 Approvat | 2010 Rivedut | 2011 Previst |
|---|---|---|---|---|
| Fees of Office | 45,230 | 42,695 | 38,609 | 38,654 |
| Reimbursements | 24,275 | 29,446 | 26,797 | 28,832 |
| Korporazzjonijiet Pubbliċi | 815 | 815 | 815 | 815 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 41,615 | 37,000 | 45,634 | 45,000 |
| Kirjiet tal-Gvern | 26,550 | 21,250 | 31,823 | 28,775 |
| Dividendi | 14,597 | 9,500 | 11,750 | 12,500 |
| Interessi | 53 | 82 | 332 | 1,757 |
| Kontribuzzjonijiet mill-UE | 72,912 | 184,375 | 162,887 | 221,924 |
| Dħul Iehor | 14,603 | 18,520 | 27,855 | 20,073 |
| **Total Dħul Ieħor** | **240,650** | **343,683** | **346,502** | **398,330** |

ċifri kollha f'€ '000

# Estimi finanzjarji

| Liċenzi, Taxxi u Multi | 2009 | 2010 | | 2011 |
|---|---|---|---|---|
| | Attwali | Approvat | Rivedut | Previst |
| Liċenzi fuq Inbejjed u Spirti | 1,042 | 1,000 | 1,000 | 1,000 |
| Liċenzi Kummerċjali | 1,343 | 1,300 | 1,300 | 1,400 |
| Liċenzi Sportivi | 828 | 850 | 850 | 810 |
| Liċenzi tal-Vetturi bil-Mutur | - | - | - | - |
| Liċenzi tas-Sewqan | 1,695 | 1,800 | 1,800 | 1,800 |
| Liċenzi tal-Lukandi u Ristoranti | 907 | 1,000 | 1,000 | 1,000 |
| Liċenzi Bonded Stores | 233 | 200 | 200 | 200 |
| Liċenza Operattiva - MIA | 496 | 496 | 496 | 496 |
| Taxxi fuq il-Logħob | 40,590 | 46,000 | 46,000 | 46,000 |
| Liċenzi Oħra | 1,302 | 1,100 | 500 | 97 |
| Miżata fuq Dokumenti | 78,047 | 80,000 | 85,000 | 90,000 |
| Taxxa tar-Registrazzjoni tal-Vetturi | 61,372 | 63,500 | 40,000 | 40,000 |
| Death & Donation Duty | 36 | 60 | 60 | 60 |
| Taxxa tat-Tluq | 1,139 | - | - | - |
| Dħul mill-Bejgħ mid-Dwana | 62 | 38 | 245 | 260 |
| Multi tat-Traffiku | - | 2 | 2 | 1 |
| Multi tal-Qorti | 2,191 | 2,200 | 3,000 | 3,000 |
| Licenzi u Multi mill-Kiri taż-Żejt | 942 | 900 | 900 | 850 |
| Taxxa ta' Ċirkolazzjoni Annwali tal-Vetturi | 43,904 | 54,000 | 52,000 | 52,000 |
| Multi Oħra | 50 | 108 | 108 | 50 |
| Penali Amministrattivi | - | - | 2 | 1 |
| **Total Licenzi, Taxxi u Multi** | **236,179** | **254,554** | **234,463** | **239,025** |

ċifri kollha f'€ '000

Bix-Xogħol ninvestu f'soċjeta' b'saħħitha Għalik

Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

# Estimi finanzjarji

| Nefqa Rikurrenti | 2009 Attwali | 2010 Approvat | 2010 Rivedut | 2011 Previst | Żieda / (Tnaqqis) | Żieda / (Tnaqqis) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Salarji | 543,763 | 550,775 | 573,513 | 581,956 | 8,443 | 1.47% |
| Spejjeż Operattivi | 108,162 | 111,299 | 115,551 | 107,628 | (7,923) | -6.86% |
| Programmi u Inizjattivi | 1,381,291 | 1,421,849 | 1,437,089 | 1,444,472 | 7,383 | 0.51% |
| Entitajiet Pubbliċi | 171,205 | 204,598 | 200,181 | 204,670 | 4,489 | 2.24% |
| **Nefqa Rikurrenti** | **2,204,421** | **2,288,521** | **2,326,334** | **2,338,726** | **12,392** | **0.53%** |
| Interessi | 192,024 | 195,621 | 198,121 | 208,496 | 10,375 | 5.24% |
| **Total Nefqa Rikurrenti** | **2,396,445** | **2,484,142** | **2,524,455** | **2,547,222** | **22,767** | **0.90%** |

ċifri kollha f'€ '000

# Finanzi pubbliċi u effiċjenza tas-settur pubbliku

- L-iżbilanċ għall-2010 se jkun qrib ta' 3.9%. Il-mira tal-Gvern hija li dan jitniżżel taħt it-3% matul l-2011.
- Titjib fl-effiċjenza tad-Dipartimenti fuq livell ta' 2%. Pjan ta' azzjoni minn kull Dipartiment dwar kif tista' tiżdied l-effiċjenza.
- Strateġija għal tnaqqis tal-arretrati tal-Gvern b'10%.
- Fejn possibbli, u fejn jagħmel sens, tnaqqis ta' impjegati ġodda, b'impjegat wieħed għal kull tnejn li jispiċċaw.
- Programm ta' taħriġ bil-fondi tal-UE għall-ħaddiema tas-settur pubbliku fl-implimentazzjoni ta' regolamentazzjoni aħjar.

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Taħriġ

- Inkomplu nsostnu l-iskemi għal taħriġ tal-ħaddioema, b'mod partikolari t-Training Aid Programme u l-Employment Aid Programme, b'allokazzjoni ta' €3m fil-baġit ta' din is-sena.

- Jitkomplew ukoll inizjattivi lokali bħall-Apprenticeship Scheme u l-Work Trial Scheme, kif ukoll il-programm għal min jimpjega persuna b'diżabilità severa

- Programm ta' taħriġ għal kull min jaħdem bil-paga minima. Dawk kollha li se jidħlu għal dan it-taħriġ se jingħataw allowance ta' 25 ewro fil-ġimgħa.

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Taħriġ

- Biex ninkoraġġixxu aktar nisa jieħdu sehem fid-dinja tax-xogħol, introduzzjoni tal-għażla, għal nisa li jaħdmu għal rashom part-time, ta' ħlas ta' kontribuzzjoni għas-sigurta' soċjali fuq bażi pro-rata ta' 15% tal-qligħ bażiku minflok il-kontribuzzjoni bbażata fuq il-paga minima.

- Ikomplu l-inċentivi fiskali għan-nisa li jerġgħu lura fis-suq tax-xogħol, li s'issa gawdew minnhom 6,556 mara, b'investiment ta' €5.8 miljun.

- Parti mid-dħul mix-xogħol ta' persuni li qegħdin fuq għajnuna soċjali mhux se jiġi kkalulkat fit-test tal-mezzi sabiex il-familja tikkwalifika għal għajnuna soċjali. L-ammont ta' paga li se jkun eżentat mit-test tal-mezzi se jkun ekwivalenti għad-differenza bejn il-paga minima u r-rata sħiħa tal-għajnuna soċjali applikabbli fil-każ ta' 2 persuni.

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Investiment dirett lejn l-intrapriża lokali

- Il-benefiċċji fiskali tal-MicroInvest jistgħu jiġu assorbiti sal-2013 filwaqt li tidħol fis-seħħ l-iskema tal-MicroCredit
- Tnedija tal-Programm 'Gateway to Export', li jipprovdi għajnuna u taħriġ lil kumpanniji, b'investiment ta' €1m bl-iskop li dawn ikollhom l-opportunità li jesportaw lejn swieq barranin.
- Quality Improvement Programme, b'nefqa ta' €250,000 biex jinħoloq aktar għarfien dwar id-diversi aspetti tal-kwalita' u biex l-intrapriżi jtejbu l-kwalita' tagħhom, isiru aktar kompetittivi u jiżdiedulhom l-opportunitajiet ta' franchising
- Deduzzjoni ta' 150% mid-dħul taxxabbli sa massimu ta' €10,000 fuq l-ispejjeż minfuqa mill-intrapriżi biex itejbu l-kwalita' u s-servizz tal-prodott tagħhom.

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Investiment dirett lejn l-intrapriża lokali

- Jitkompla programm ta' titjib taż-żoni industrijali, b'investiment ta' €16 miljun. Dan jinkludi l-bini mill-ġdid ta' tliet Ċentri għall-Ħarsien tat-Tfal fil-Mosta, ix-Xewkija u Kordin u l-bini ta' Life Sciences Centre.
- Investiment ta' €6 miljun fi Skemi ta' għajnuna għall-Industrija tal-Manifattura.
- Investiment ta' €3.3 miljun fi Skema ta għajnuna għall-Enerġija Sostenibbli u Effiċjenti fis-Settur Kummerċjali.
- Jibda x-xogħol fuq SME Micro Business Park f'Għawdex bi spazju ta' 7,800 metru kwadru, b'investiment ta' €8 miljun.
- Żvilupp mill-ġdid tal-Hutment Area fil-qasam industrijali ta' Kordin b'investiment ta' €10 miljun, biex b'hekk jinħolqu 18,000 metru kwadru ta' fabbriki żgħar.

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Investiment biex inkunu aktar kompetittivi

- €9 miljun għall-Malta Enterprise biex tibqa' tħaddem skemi ta' inċentivi għall-industrija.
- Ħidma biex aktar negozji jużaw is-servizzi online tal-Gvern, u emenda fil-liġi tal-VAT biex dawk in-negozji li jibagħtu d-denunzja tal-VAT flimkien mal-ħlas tagħha online, ma jeħlux interessi u penali amministrattivi jekk din tintbagħat sa sebat ijiem wara li tagħlaq id-data tad-denunzja.
- Tneħħija mill-1 ta' Jannar li ġej, l-obbligi ta' reġistrazzjoni għall-kategoriji ta' persuni li għandhom turnover li f'sena waħda ma jkunx jaqbeż €7,000.
- Twaqqif ta' Fond għat-Taħriġ fl-Intraprenditorija, li permezz tiegħu, il-kulleġġi edukattivi tagħna jkunu jistgħu jiffinanzjaw proġetti edukattivi b'mod kompetittiv.

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Investiment li jkompli jixpruna lis-settur tan-negozju

- Ħolqien ta' clearing house għal kull proposta ta' stħarriġ mis-settur pubbliku biex nevitaw talbiet duplikati għall-istess tagħrif mill-intrapriżi tagħna.

- Taħriġ għall-ħaddiema taċ-ċivil dwar ħtiġijiet partikolari tan-negozju u jkabbar kultura ta' appoġġ lin-negozju mal-ħaddiema kollha tas-settur pubbliku, b'investiment ta' 800,000 ewro

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Ħidma favur il-konsumatur

- Kampanja ta' empowerment għall-konsumatur u tnedija ta' pubblikazzjoni, b'informazzjoni għall-konsumaturi Maltin u Għawdxin dwar id-drittijiet tagħhom u l-prodotti fis-suq.

- Roħs fil-prezzijiet tal-mediċini. Wara li din is-sena traħħsu 90 mediċina, għaddejjin taħditiet mal-importaturi u mal-kumpaniji tal-farmaċewtika li jissupplixxu s-suq lokali.

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Ġlieda kontra l-abbuż

- Intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-evażjoni u kontra kull forma ta' kuntrabandu.
- Introduzzjoni ta' miżuri aktar ħorox fil-liġijiet tat-taxxa kontra kull iffalsifikar ta' rekords, dokumenti jew kontijiet li huma meħtieġa jinżammu min-negozji, kemm f'forma manwali kif ukoll f'forma elettronika.

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Turiżmu

- Allokazzjoni ta' €35 miljun, żieda ta' €4 miljuni f'marketing u attivitajiet internazzjonali – l-akbar nefqa li qatt saret.
- B'fond ta' € 10 miljun, għajnuna lin-negozji fis-settur turistiku biex jiżviluppaw huma wkoll il-prodott turistiku tagħhom.
- Tkomplija ta' programm ta' €3 miljun għal titjib fil-kapaċitajiet ta' persuni li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu f'livell maniġerjali.
- Investiment ta' €6.5 miljun għat-tisbiħ ta' żoni turistiċi
- Jitkompla x-xogħol fuq il-proġetti tal-Ġgantija f'Għawdex, Tempji ta' Ħal Tarxien, Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat, Roman Baths ta' Għajn Tuffieħa, u l-Katakombi ta' Bistra fil-Mosta. Huwa mistenni li dawn jitlestew lejn l-aħħar tal-2013, b'investiment ta' €14 miljun.

# Investiment favur l-intrapriża u t-tkattir tax-xogħol

## Turiżmu

- Bini ta' nature trail, bl-iskop li jiġi nterpretat il-pajsaġġ naturali fl-isfond tal-Park Arkeoloġiku ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.
- Żieda fil-VAT fuq l-akkomodazzjoni minn 5% għal 7%.

# Infrastruttura

## Toroq

- Investiment ta' €41 miljun għall-bini tat-toroq bejn iċ-Ċirkewwa u t-Torri l-Aħmar, bejn il-Marsa u Ħal Luqa, l-aċċess mill-Menqa tal-Marsa għat-terminal tal-passiġġieri fil-Port il-Kbir, u t-triq bejn ix-Xewkija u r-Rabat f'Għawdex.

- Xogħol f'numru ta' toroq arterjali, kif ukoll bini ta' toroq residenzjali li qed jinbnew għall-ewwel darba, b'investiment ta' €15 miljun.

- Bħalissa qed isiru xogħlijiet fuq 475 triq residenzjali f'49 belt u raħal. €1 miljun investiment f'dawn l-iskemi amministrati mill-kunsilli lokali.

- Xogħol ta' titjib fuq it-triq imsejħa "Ten-T" li tgħaqqad l-estremitajiet tal-gżejjer tagħna mal-portijiet u ċ-ċentru urban.

- Nibdew it-toroq fil-Kappara, it-triq tax-xatt bejn Pembroke u l-Qawra, u t-triq bejn il-Mellieħa u t-Torri l-Aħmar.

# Infrastruttura

## Trasport

- Riforma tat-trasport pubbliku biex ikollna servizz ta' kwalità aħjar u aktar nadif.

- Inċentiv għal min jixtri karozza ġdida u jiskrappja waħda qadima – meta karozza qadima ma tiġix skrappjata, nofs l-inċentiv imur f'fond biex jitneħħew karozzi antiki mit-toroq.

- Il-valur tad-dijossidju tal-karbonju fil-komputazzjoni tat-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-vetturi hybrid jiżdied minn20% għal 30%.

- Skema li biha persuna li tixtri vettura elettrika tista' tibbenefika minn sussidju sa €5,000 għall-installazzjoni ta' sorsi ta' enerġija sostenibbli mal-karozza (eż. PV panels). Se jkunu insallati wkoll numru ta' charging points f' siti strateġiċi għal vetturi elettriċi.

# Infrastruttura

## Trasport

- Il-liċenza annwali ta' ċirkolazzjoni għal vetturi tal-kategorija M1 li m'għandhomx emissjonijiet, jiġifieri l-vetturi elettriċi, tinżel minn €75 għal €10.
- Tnaqqis ta' taxxa ekwivalenti għal 125% fuq ammonti li kumpanniji jonfqu fuq vetturi elettriċi.
- Għotja fuq taħriġ fis-settur tal-vetturi elettriċi.
- Żieda fis-sisa fuq il-fjuwil ta' 3ċ fil-litru.

# Infrastruttura

## Proġetti ta' infrastruttura

- Investiment f'ġenerazzjoni ta' enerġija aktar nadifa, bl-estensjoni tal-power station ġewwa Delimara u l-proġett tal-interconnector ma' Sqallija.
- €1 miljun għal modifika tal-boilers fil-Power Station ta' Delimara biex jitnaqqsu l-emissjonijiet.
- Investiment ta' €75 miljun fit-tliet snin li ġejjin fl-infrastruttura tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku.
- Installazzjoni ta' smart meters fid-djar, negozji, u l-industrija. Sa llum ġew stallati mat-32,000 smart meter. Il-proċess mistenni jitlesta sal-2011.
- Impjant tad-drenaġġ ġewwa Ta' Barkat, limiti tax-Xgħajra, li se jkompli jtejjeb il-kwalità ta' l-ilma li narmu. B'hekk ser inkunu qed nittrattaw id-drenaġġ kollu ġġenerat.

# Infrastruttura

## Aktar enerġija nadifa u konservazzjoni ta' ilma

- Terġa' tiftaħ l-iskema ta' għajnuna għal xiri ta' solar water heaters biex tikkumplimenta l-iskema eżistenti. Ser jingħata sussidju sa massimu ta' €400, fuq il-prezz ta' dan l-apparat. Madwar 2,000 familja oħra mistennija jibbenifikaw minn din l-iskema.

- Jitkompla l-proċess sabiex jiġu installati pannelli fotovoltajċi fuq 67 elf metru kwadru ta' soqfa pubbliċi.

- Investiment ta' €1 miljun biex jitkomplew l-istudji ambjentali, u studji oħrajn, dwar il-vijabilità li jsiru l-windfarms, fl-art u fil-baħar, skont l-applikazzjoni li l-Gvern tefa' mal-MEPA.

# Infrastruttura

## Infrastruttura marittima

- Bidu tax-xogħolijiet fuq it-tiswija tal-breakwater tal-Port il-Kbir.
- Bini tal-lift mix-xatt tal-Port sal-Barakka ta' Fuq. Dan ser jagħti aċċess importanti, u komdu, għall-eluf li jżuruna bil-cruise liners.
- Proġett Infrastrutturali għall-Passiġġieri fil-Port il-Kbir, b'investiment ta' € 4.5 miljun.
- Xogħlijiet fid-Deepwater Quay fil-Port il-Kbir u faċilitajiet għal passiġġieri tal-cruiseliners.

# Għawdex

- Vot ta' €73.4 miljun, żieda ta' €2.3 miljun fuq din is-sena.
- Il-Viżjoni Eko-Għawdex tfittex li tħares l-interessi speċifiċi neċessarji għal Għawdex, billi tippromwovi titjib kontinwu fl-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali. Vot ta' €25 miljun għal 3 snin.
- Tkomplija tat-titjib tal-faċilitajiet għall-ħażna ta' l-ilma tax-xita fix-xhur tax-xitwa biex jitnaqqas l-impatt fuq il-water-table.
- €500,000 għall-promozzjoni ta' Għawdex bħala destinazzjoni turistika.
- Tkomplija tal-kampanja ta' reklamar internazzjonali ta' Għawdex bħala destinazzjoni separata

# Għawdex

- Aktar spazji rikreattivi għall-familji, b'diversi proġetti t'afforestazzjoni u tisbiħ mal-gżira kollha, fosthom ġnien pubbliku ġdid ġewwa Marsalforn.
- Qed jinbnew mill-ġdid it-toroq tax-Xlendi, u ta' Ta' Pinu, filwaqt li ħerġin l-offerti għal xogħlijiet fuq Triq Franġisk Portelli, Triq San Lawrenz u Triq il-Ġebla tal-Ġeneral.
- Proġett biex fil-farm tal-Gvern fix-Xewkija, jiġi żviluppat f'Ċentru ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni fl-Agrikoltura.
- Xogħlijiet strutturali fi skejjel madwar Għawdex biex nagħtu l-aħjar ambjent edukattiv lit-tfal tagħna.
- Upgrading taż-Żewwieqa Waterfront – investiment ta' € 5.4 miljun.
- Tingħalaq l-aħħar outfall tad-drenaġġ.

# Għawdex

- Żvilupp ta' strateġija għar-riżorsi umani sabiex il-bżonnijiet tal-industrija jiġu milqugħa aħjar.
- Użu tal-ilma li qed jipproduċi l-impjant għat-tisfija tad-drenaġġ għall-użu sekondarju bħal dak fis-settur agrikolu.
- Bini ta' pixxina fil-magħluq.
- Tkomplija tax-xogħlijiet ta' refurbishment fid-Dipartiment tad-Dentistrija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex biex dan ikun aktar adegwat għall-ħtiġijiet tal-lum.

# L-edukazzjoni u l-ekonomija tal-kreattività

## L-edukazzjoni prijorita' għall-ġid ta' uliedna

- Żieda fin-nefqa għall-edukazzjoni ta' €32 miljun, għal €330 miljun.
- Ftuħ ta' 2 childcare centres ġodda, f'Santa Venera u l-Floriana, minbarra d-9 li huma miftuħin u li qed jilqgħu fihom 550 tifel u tifla.
- Tkomplija tar-riforma fit-tranżizzjoni mill-Primarja għas-Sekondarja, u indirizzar ta' dik bejn is-Sekondarja u l-Post-Sekondarja.
- Reviżjoni tal-MATSEC, bil-għan li nkomplu noffru standards tal-ogħla kwalità, u li nħajru aktar studenti jkomplu bl-istudji tagħhom.
- Tkomplija tar-Reviżjoni tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u s-Sillabu biex l-istudenti tagħna jkollhom il-kompetenzi kollha meħtieġa.
- Titlesta l-iskola taż-Żokrija fil-Mosta u jibda l-bini tal-iskola sekondarja tal-bniet fil-Kulleġġ Sant Injazju f'Ħal Qormi.

# L-edukazzjoni u l-ekonomija tal-kreattività

## L-edukazzjoni prijorita' għall-ġid ta' uliedna

- Kummissjonament ta' sistema ġdida ta' eLearning fl-skejjel.
- Żieda fl-ammont massimu tad-deduzzjoni li tingħata lil individwi li jħallsu miżati tal-iskola għal uliedhom li jattendu skejjel privati:
  - Fil-każ ta' ulied li jattendu klassijiet primarji fi skejjel privati jew kindergarten privati, il-massimu tad-deduzzjoni se togħla minn €1,000 għal €1,200;
  - Fil-każ ta' ulied li jattendu skejjel sekondarji privati d-deduzzjoni se togħla minn €1,400 għal €1,600.
- Rifużjoni tal-VAT fuq bini ġdid li jagħmlu skejjel indipendenti.

# L-edukazzjoni u l-ekonomija tal-kreattività

## Edukazzjoni avvanzata u ogħla

- Se nżidu l-allokazzjoni għall-Università b'€3.5 miljun.
- Żieda ta' 3,370 student f'31 fakulta' bi 28 kors ġdid.
- L-istipendji tal-istudenti ser jiżdiedu b'€850,000.
- Qed jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki ta' l-istudenti f'pajjiżi barranin.
- Aktar minn 1,100 student irċievew boroż ta' studju. Aktar Scholarships bl-iskema STEPS u MGSS.

# L-edukazzjoni u l-ekonomija tal-kreattività

## Edukazzjoni avvanzata u ogħla

- Proġetti ta' tisħiħ tal-Universita':
  - Investiment ta' €13.1m fil-Bini, tlestija u tagħmir għall-Bini tal-Fakulta tal-ICT;
  - Bini u tagħmir tal-University Computing Services Centre Building, b'investiment ta' €4.2 miljun;
  - Ċentru Interattiv tax-Xjenza – investiment ta' €1.5 miljun.

# L-Edukazzjoni u l-Ekonomija tal-Kreattività

## Edukazzjoni avvanzata u ogħla

- MCAST Nefqa Kapitali
  - Multimedia Training Centre €867,000
  - Laboratorju tal-Lingwa €180,000
  - Installazzjoni ta' Energija li tiġġedded €180,000
  - Programm *Increasing ICT Student Capacity* €1,333,000
  - Programm biex jindirizza skills mismatching fl-industrija tal-manutenzjoni tal-ajruplani €880,000
  - Professional Development for Staff & Students top-up degrees €1,333,000
  - MCAST – Linking Industrial Need & VET €185,000

# L-edukazzjoni u l-ekonomija tal-kreattività

## Sport

- Għajnuna lill-atleti promettenti li qegħdin jaħdmu fis-settur privat u li, bi ftehim ma' min iħaddimhom, jagħżlu li jnaqqsu l-ġimgħa tax-xogħol tagħhom biex jitħarrġu aktar.
- Għotja ekwivalenti għall-15.25 tal-prezz tal-apparat sportiv għal għaqdiet sportivi rikonoxxuti mill-KMS.
- Rifużjoni ta' 15.25% sa €150 fuq il-prezz tar-roti.
- Investiment fi grawnd tal-futbol u pitch tal-waterpolo f'Birżebbuġia.
- Introduzzjoni tal-kunċett ta' pjanċa tar-reġistrazzjoni unika għall-kollezzjonisti ta' vetturi klassiċi.
- Tneħħija tat-taxxa tar-registrazzjoni ta' 6.5% minn fuq vetturi sportivi li jintużaw biss fuq racing tracks u nħawi oħra awtorizzati minn Trasport Malta.

# L-edukazzjoni u l-ekonomija tal-kreattività

## Sport

- Allokazzjoni ta’ €250,000 f’assistenza lill-għaqdiet biex jattiraw lejn pajjiżna għaqdiet u assoċjazzjonijiet barranin sabiex jitħarrgu u biex jorganizzaw kompetizzjonijiet internazzjonali. Matul din is-sena, din l-iskema ġġenerat aktar minn 39,000 bed night.

# L-edukazzjoni u l-ekonomija tal-kreattività

## L-ekonomija tal-kreattività

- Skema fejn kull student (bejn 12 u 14-il sena) fl-ewwel 3 snin tas-sekondarja jingħata  kreditu ta’ €15 għall-attivitajiet artistiċi u siti kulturali.

- Fond ta’ €150,000 f’investiment f’organizzazzjonijiet indipendenti li jaħdmu għall-iżvillupp nazzjonali tal-kultura.

- Fondi għall-programm ta’ taħriġ fil-film kif ukoll fit-tmexxija kulturali.

- Inizjattiva ġdida biex fl-2012 nippreżentaw l-ewwel showcase tal-aqwa xogħol artistiku u kreattiv maħluq f’Malta u Għawdex.

- Creativity Trust li tiġbor kontribuzzjonijiet mis-settur pubbliku u privat biex inkabbru l-investiment fi skemi eżistenti u oħrajn ġodda.

# Inkomplu ninvestu f'soċjetà b'saħħitha

## Il-qasam soċjali

- Żieda fl-għajnuna supplimentari għal massimu ta' €4.57 fil-ġimgħa għal persuna waħedha, u għal €8.13 fil-ġimgħa għall-koppji miżżewġin. Din il-miżura tiswa €800,000 fis-sena.

- Ser naġġustaw it-test tal-mezzi biex il-COLA ma tneħħix l-għajnuniet li jingħataw permezz ta' benefiċċji soċjali oħra. Dan japplika partikolarment f'każ ta' pensjonanti li minħabba ż-żieda fil-pensjoni jistgħu jitilfu l-benefiċċju tal-mard.
- Il-pensjonanti se jieħdu ż-żieda sħiħa tal-COLA, li se tkun ta' €1.16 bil-mekkaniżmu kif maħdum fis-snin ta' qabel.

- Se nkompli nindirizzaw l-anomalija li teżisti fil-pensjonijiet tas-servizz, fejn se jitnaqqsu €200 oħra għal din is-sena, u li biha se jintlaqtu madwar 6,200 pensjonant. Din se tfisser nefqa ta' €1.3 miljun.

# Inkomplu ninvestu f'soċjetà b'saħħitha

## Ħidma favur it-tfal u l-familja

- Is-sena d-dieħla se nniedu Politika Nazzjonali favur it-Tfal li se tħares b'mod ħolistiku lejn is-servizzi, il-bżonnijiet, u d-drittijiet tat-tfal.
- Se nallokaw €400,000 biex tfal u żgħażagħ li bħalissa ma jistgħux jibbenifikaw mis-servizzi residenzjali jew ta' fostering eżistenti minħabba d-diffikultajiet partikolari, jingħataw alternattiva ġdida f'ambjent ta' familja.
- Żieda fil-baġit għal għaqdiet volontarji soċjali biex ikunu jistgħu jipprovdu servizzi miftehma.

# Inkomplu ninvestu f'soċjetà b'saħħitha

## Persuni b'diżabilità

- Se nkomplu nassiguraw li persuni b'diżabilità jkollhom trasport adattat u aċċessibbli, għalhekk:
  - familja b'aktar minn persuna waħda li tuża siġġu tar-roti se tgawdi mill-eżenzjonijiet kurrenti għal kull persuna, anke meta tixtri wheelchair accessible vehicle waħda;
  - familja b'persuna waħda li tuża siġġu tar-roti se tibbenefika mill-eżenzjonijiet kurrenti anke fuq it-tieni wheelchair accessible vehicle; u
  - il-ħlas tal-liċenza fuq il-wheelchair accessible vehicles se jispiċċa, anke wara l-ħames sena ta' reġistrazzjoni.

# Inkomplu ninvestu f'soċjetà b'saħħitha

## Il-qasam tad-djar

- Fil-qasam tad-djar, se ninvestu €1 miljun ieħor fl-iskema tas-sussidju tal-kera, li minnha qed jibbenefikaw 'il fuq minn 1,000 persuna.
- Se nkomplu wkoll l-iskema li tagħti għajnuna lill-first-time buyers, li minnha jibbenefikaw madwar 340 persuna fis-sena. Se nkomplu niżviluppaw aktar skemi bl-iskop li aktar persuni jgawdu minnhom.

# Inkomplu ninvestu f'soċjetà b'saħħitha

## Is-settur tas-saħħa

- Investiment ta' €333 miljun – żieda ta' €12 miljun fuq din is-sena.
- Bdejna x-xogħol ta' kostruzzjoni taċ-Ċentru tal-Kanċer ġewwa l-Isptar Mater Dei, investiment ta' €14 miljun.
- Sakemm jitlesta dan iċ-Ċentru, qed isir xogħol fl-Isptar Boffa wkoll, biex niżguraw li l-pazjenti jingħataw trattament f'ambjent komdu u dinjituż.
- Wara s-suċċess tal-breast screening ser inkomplu nifirxu dan is-servizzi ta' screening fuq kundizzjonijiet oħra.

# Is-settur tas-saħħa

## Mediċini

- Qed nirriformaw sistema tax-xiri tal-mediċini biex nindirizzaw ineffiċjenzi li qed joħolqu nkonvenjent kbir għall-pazjenti, minbarra l-ħela ta' riżorsi fit-tqassim tal-mediċini.
- Żidna 16-il mediċina ġdida fuq il-formolarju tal-Gvern, bi 11 minnhom ikunu għall-kura tal-kanċer. Niżżilna għal 120 ġurnata l-credit days fuq xiri ta' mediċini, u l-pagamenti lill-importaturi qed isiru fil-perjodu stipulat.
- Estensjoni tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek, b'investiment ta' €1 miljun u €400,000 addizzjonali għal sistema elettronika.

# Is-settur tas-saħħa

## Żieda fl-operazzjonijiet u riżorsi umani

- Se nkomplu naħdmu biex titnaqqas l-istennija fl-isptarijiet. Għal dan l-għan, ġie allokat vot ta' €2.3 miljun.
- Se nintroduċu professjonisti ġodda, b'taħriġ lokali u f'Universitajiet barranin, biex insaħħu r-riżorsi umani.
- Se naġġornaw l-informatika fil-forniment tas-servizzi tas-saħħa, b'servizzi kliniċi elettroniċi għat-tobba u b'aċċess aħjar għall-istejjer mediċi.
- Żieda ta' 3 u 4% fit-taxxa tas-sisa fuq is-sigaretti u t-tabakk.
- Żieda fit-taxxa fuq il-birra lokali ta' ftit anqas minn 1ċ fuq flixkun ta' 25cl u 13% fuq l-ispirti.

# Is-settur tas-saħħa

## Saħħa mentali

- Qed inkomplu nifirxu l-kura fil-komunità għal min ibati minn problemi ta' saħħa mentali, fil-Furjana, Ħal Kirkop u l-Gżira.

- Qed nallokaw ukoll flats lill-Isptar Monte Karmeli taħt l-iskema supportive housing tal-Awtorità tad-Djar, biex fihom joqgħodu pazjenti li jistgħu joħorġu mill-Isptar, u li m'għandhomx fejn joqgħodu.

# Is-settur tas-saħħa

## L-anzjani

- Il-pensjonanti se jieħdu ż-żieda sħiħa tal-COLA, li se tkun ta' €1.16 bil-mekkaniżmu kif maħdum fis-snin ta' qabel.

- Se nkompli nindirizzaw l-anomalija li teżisti fil-pensjonijiet tas-servizz, fejn se jitnaqqsu €200 oħra għal din is-sena, u li biha se jintlaqtu madwar 6,200 pensjonant. Din se tfisser nefqa ta' €1.3 miljun.

# Is-settur tas-aħħa

## Investiment fil-kura tal-anzjani

- Qed ninvestu miljuni biex nassiguraw li l-anzjani tagħna jkollhom l-aħjar kura possibbli minn professjonisti speċjalizzati.
- Sakemm jinbena ċentru ta' rijabilitazzjoni, komplejna bil-manutenzjoni fl-Isptar Karen Grech.
- Is-servizzi ta' l-Isptar Żammit Clapp ġew trasferiti għall-Isptar Karen Grech filwaqt li l-Isptar Żammit Clapp se jiġi żviluppat f'nursing home ta' mitt sodda għall-anzjani b'investiment ta' €1.8 miljun.
- Se jinbeda wkoll xogħol ta' refurbishment f'żewġ swali oħra fir-residenza San Vinċenz de Paule għal pazjenti li jbatu bid-dimensja.
- Il-proġett pilota ta' night shelter ġewwa ż-Żejtun beda jakkomoda l-ewwel anzjani, u fil-ġimgħat li ġejjin se niftħu night shelter ieħor ġewwa l-Mellieħa.

# Is-settur tas-saħħa

## Kura għall-anzjani

- Qed jitħarrġu grupp ta' professjonisti multidixxiplinarji biex jagħtu sapport lill-anzjani biex ikomplu jgħixu fil-komunità. Dan il-proġett pilota se jibda joffri s-servizz tiegħu fil-lokalità tal-Imsida.

- Ftaħna Ċentru ta' Matul il-Jum ġewwa l-Mellieħa, filwaqt li hemm il-ħsieb li jinfetħu aktar ċentri f'diversi lokalitajiet oħra.

# Ambjent

- Jitkompla l-proġett tad-daħla għall-Belt Valletta.
- Tkomplija tal-proġett ambizzjuż għar-restawr tas-swar, b'investiment ta' €36 miljun.
- Xogħlijiet ta' tisbieħ f'Baċir Numru Wieħed ġewwa Bormla, u xogħlijiet ta' restawr fil-Forti ta' Sant'Iermu, fil-bini storiku madwar il-Baċir Numru Wieħed, fil-Pixkerija, u fl-Isptar Sir Paul Boffa.
- Fondi biex inkomplu bir-restawr tal-faċċati tal-Berġa ta' Kastilja u l-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, u tnedija proġett ambizjuż fil-Collacchio ġewwa l-Birgu.
- Investiment f'Water Park f'Buġibba u tkomplija tax-xogħol fuq Park Nazzjonali fi Xrobb l-Għaġin.
- It-tieni fażi tal-Politika Nazzjonali għall-Ambjent.

# Ambjent

- Titkompla l-ħidma tar-Riforma tal-MEPA.
- Tnaqqis tal-kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali għal bdiewa u raħħala full time għal 12%. Kull bidwi se jħallas medja ta' madwar €520 fis-sena anqas f'bolla.
- 3 swieq oħra tal-bdiewa.
- Fond ta' €400,000 biex jittaffa l-impatt taż-żidiet fil-prezzijiet internazzjonali tal-qmugħ u ċ-ċereali.
- Sisa ta' €9 fuq kull tunnellata siment

# Ambjent

## Kunsilli lokali

- Tiżdied għal €32 miljun l-allokazzjoni finanzjarja diretta għal Kunsilli Lokali.
- Tnedija ta' numru ta' inizjattivi li bihom se ngħinu lill-Kunsilli Lokali jieħdu ħsieb il-partijiet komuni ta' appartamenti tal-Gvern, u jipprovdu servizzi ta' child-minding għat-tfal li jaslu kmieni jew jitilqu tard mill-iskola fejn jattendu.
- Is-sistema ta' nfurzar lokali se tgħaddi f'idejn il-ħames Kumitati Reġjonali.
- Allokazzjoni ta' nofs miljun ewro għal ko-finanzjament ta' proġetti tal-UE.

# Ambjent

## Immaniġġjar tal-iskart

- Investiment biex tinkiseb aktar enerġija nadifa mill-iskart.
- Jitkompla l-proġett ambizzjuż biex, il-miżbliet il-magħluqa tal-Magħtab u l-Qortin f'Għawdex, jinbiddlu f'parks għar-rikreazzjoni tal-familji tagħna. Dan b'investiment ta' € 26 miljun.
- Impjant ta' Trattament ta' Skart Perikoluż – investiment ta' €3.7 miljun.

# Ambjent

## Nagħmlu użu aħjar mill-art pubblika

- Vot ta’ €3 miljun biex imorru għall ħlasijiet ta’ esproprju ta’ artijiet tal-Home Ownership Schemes.
- Sistema aktar effiċjenti tal-informatika fi ħdan id-diviżjoni tal-propjetà tal-Gvern.

# Baġits ta’ stati sembri tal-UE għall-2011

- Ġermanja
  - Tnaqqis ta’ €30 biljun mill-baġit għall-politika għall-politika soċjali, inkluż tnaqqis f’benefiċċji għall-ġenituri u benefiċċji tal-qgħad.
  - Taxxa ambjentali fuq min isiefer.

- Spanja
  - Iffriżar tal-pensjonijiet fl-2011.
  - Tnaqqis tal-paga fis-servizz pubbliku b’5%.
  - Tnaqqis fl-investiment fi programmi soċjali.
  - Baġits għall-Ministeri differenti għal-2011 fil-livell tal-2006.
  - Sospensjoni ta’ żieda tal-pensjoni għall-għoli tal-ħajja.
  - Tneħħija ta’ għotjiet għall-ġenituri.

# Baġits ta' stati membri tal-UE għall-2011

- Greċja
  - Tnaqqis ta' 10% tal-pagi.
  - Żieda fl-età tal-irtirar.
  - Żieda fit-taxxa fuq il-fjuwil, sigaretti u alkoħol.
  - Żieda fil-VAT minn 19% għal 21%.
  - Taxxa tas-sisa fuq il-karozzi.
  - Taxxa tas-sisa fuq l-elettriku (5 ewro/MwH għad-djar).

- Italja
  - Friża fil-pagi taċ-ċivil għal-tlett snin.
  - Tnaqqis fiċ-ċivil - għeluq ta' 27 istituzjoni tal-Gvern.
  - Tnaqqis ta' 10% fin-nefqa ta' kull Ministeru.

# Baġits ta' stati membri tal-UE għall-2011

- Renju Unit
  - Żieda fil-VAT minn 17.5% għal 20%.
  - Żieda fil-Capital Gains Tax.
  - Benefiċċji għat-tfal: Friżati għat-tliet snin li ġejjin, u mneħħija għal familji b'ċertu livell ta' qligħ.
  - Tnaqqis fil-benefiċċji tal-housing.
  - Għotjiet tal-maternità ristretta għall-ewwel tarbija.
  - Friża tas-salarji pubbliċi.
  - Żieda tar-rata tat-taxxa fuq insurance premium.
  - 500,000 jitilfu l-post tax-xogħol tagħhom mal-Gvern f'5 snin.

- Portugall
  - Żieda fil-VAT minn 21% għall-23%.
  - Tnaqqis ta' 5% tal-pagi fis-settur pubbliku.